TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 186/17-F

**Vincent Galea**

**vs**

**Eximus Services Ltd.**

Illum 8 ta' Mejju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-16 t'Ottubru, 2017 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' ħamsa u tmenin ewro (€85), rappreżentanti prezz ta' heater li wara ċertu żmien ma baqax jaħdem u li kellu garanzija ta' ħames snin.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara heater mingħand is-soċjeta' ntimata għall-prezz ta' ħamsa u tmenin ewro (€85), u wara ċertu żmien dan ma baqax jaħdem u minkejja li ħadu għand is-soċjeta' ntimata għat-tiswija, dan ma ġara xejn u hemm garanzija ta' ħames snin.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet, ma deherx għas-seduta u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' ħamsin ewro (€50), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888